# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2024**

**Każ Nru: 941/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Redeemer Camilleri (K.I. 0519594(M))**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Redeemer Camilleri ta' disgħa u għoxrin sena (29), bin Rudy Camilleri u Michelle Camilleri, ta' Nazzjonalità Maltija, mwieled fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (1994) u residenti 152, Triq Azzopardi, Marsa, detentur tal-karta tal-identità 0519594M u ċioé:

*talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-kwarta ta' filgħodu (00:15) u it-tlieta (3:00) ta' filgħodu ġewwa ta' Għadajma, Limita ta' Mqabba*

1. *Ikkommettejt serq ta' oġġetti u/jew flus ikkwalifikat* **bil-ħin, bil-mezz u bil-valur** *li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq sar għad-dannu ta' J.Micallef Group u/jew entitaja/iet oħra u/jew persuna/i oħra;*

   *Aritkolu 261 (b) (ċ) (f), 263, 264, 267, 278, 279 (a), 280(2), 281*

2. *Talli fl-istess ħin, ċirkostanzi, lok u żmien volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500) izda hija aktar minn mitejn u ħames mitt euro (€250) għad-detriment ta' J.Micallef Group u /jew ta' entita/entitajiet oġra u/jew persuna jew persuni oħra ;*

   *Artikolu 325(1)(b) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli:*

3. *Nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħdax (11:00) ta' filgħodu u s-sagħtejn (14:00) ta' wara nofsinhar minn ġewwa Pavi Supermarket, Triq Manwel Dimech, Qormi, ikkommettejt serq sempliċi ta' oġġetti u/jew flus fejn il-valur huwa aktar minn tlieta u għoxrin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) liema serq sar għad-dannu ta' Pavi Supermarket u/jew entita'/entitajiet oħra u/jew* **Mario Raymond Zahra** *u/jew persuna/i oħra;*

*Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli:*

4. *Nhar is-sebgħa ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sitta (18:00) ta' filgħaxija u it-tmienja (20:00) ta' filgħaxija ġewwa*

*Pavi Supermarket, Triq Manwel Dimech, Qormi, ikkommettajt serq ta' oġġetti u/jew flus, ikkwalifikat* ***bil-ħin l****iema serq sar għad-dannu ta' Pavi Supermarket u/jew entita'/entitajiet oħra u/jew* **Mario Raymond Zahra** *u/jew persuna/i oħra;*

*Artikoli 261 (f), 270, 281 (a)*

5. *Kif ukoll fl-istess żmien, lok, data u ċirkostanza naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjoniiet imposti mill-qorti tal-Maġistrat Dott. Kevan Azzopardi nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu tas-sena 2024 fid-digriet tagħha li bih tagħtu il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-provvediment tal-Kodiċi Kriminali.*

*Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' Raymond Brincau u Mario Raymond Zahra u l-familjari tiegħu jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata Redeemer Camilleri skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u l-familjari tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 532A tal- Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-artikoli 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2024[1], l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[2].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fil-qosor fir-rigward tal-piena.

Rat li l-każ ġie differit għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

## 1) Fatti u ammissjoni

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

---

[1] Verbal jibda a fol 4 tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa għażel li jerġa jtenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jreġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

## 2) Piena

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2024, ġie senjalat mill-avukat tal-Avukat Ġenerali li hija ma setgħetx tiffirma rikors konġunt skond dak li jrid l-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex ma kellhiex awtorizzazzjoni tagħmel hekk fin-nuqqas tal-firma tal-Avukat Ġenerali innifisha. B'hekk, għad lid-difiża u li l-Ispettur spjegaw li huma kienu ftehmu fuq il-piena, din il-Qorti ma setgħetx u ma tistax timxi bl-artikoli 392A(5) u (7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti, wara li ħadet in kunsiderazzjoni kemm in-natura tar-reat, il-kooperazzjoni sħiħa tal-imputat u kif ukoll dak li ġie sottomess mid-difiża u mill-

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Ispettur James Mallia waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2024, tqis li l-piena għandha tkun dik ta' tmintax il-xahar priġunerija effettiva.

Illi dwar l-imputazzjoni rigwardanti l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tqis li bl-emendi leġislattivi kemxejn riċenti[4], illum il-Qrati għandhom diskrezzjoni sabiex, fil-ġudizzju tagħhom jaraw jekk hemmx lok tal-konfiska totali jew parzjali tal-garanziji miġjuba għall-għotja mill-ħelsien t'arrest[5]. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti tqis li għandha tikkonfiska l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150) mid-depożitu tas-somma ta' elf Ewro (€1,000) ordnata fid-digriet rilevanti.

Illi tajjeb jingħad ukoll li l-Prosekuzzjoni ma talbitx ir-riarrest tal-imputat fir-rigward tal-istess digriet, kif jippermetti u jipprovdi l-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ma hemmx lok ta' ordnijiet ulterjuri fir-rigward[6].

Illi in oltre, fid-dawl tal-fatt li l-imputat ilu issa għal diversi snin maħkum bil-problema tal-vizzju tad-droga, li wkoll wasslitu jagħmel dak li seħħ hawnhekk, sejra tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tiegħu, bit-tama li din l-ordni, jekk tiġi segwita, tkun tista' tindirizza l-problemi tiegħu.

---

[4] ATT XXIX tas-sena 2021. Dwar dan, u anke d-differenza bejn l-artikoli 579(1) u 579(2) kif emendati, l-Qorti tagħmel ampja referenza u tagħmel dak dak enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Grech,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Ottubru 2021.

[5] Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak deċiż kemm fis-sentenza msemmija fin-notament dsatax u s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Said,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-6 ta' Settembru 2019.

[6] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Monsigneur,** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-26 ta' Jannar 2023.

## 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278, 279(a), 280(2), 281, 281(a), 284, 285, 325(1)(b) u l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement qiegħda tikkundanna lill-ħati għal piena ta' tmintax-il xahar priġunerija effettiva. Minn dan iż-żmien għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment.

Illi l-Qorti qiegħda tqiegħed lill ħati taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perjodu ta' tlett (3) snin u dan taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha. A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabiltà tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Illi l-Qorti qiegħda wkoll, a tenur tal-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska parzjali a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) mid-depożitu mogħti ta' elf Ewro (€1,000) impost fuq il-ħati għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest fid-digriet tal-21 ta' Marzu 2024 mogħti minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Kevan Azzopardi.

Illi in oltre, il-Qorti qiegħda a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati a favur ta' Raymond

Brincau u Mario Raymond Zahra u dan għal żmien sentejn mid-data ta' meta jiġi fi tmiemu l-perjodu ta' priġunerija mogħti fis-sentenza tal-lum. Il-Qorti tqis però li ordnijiet skond l-artikoli 383, 384 u 385 m'humiex neċessarji.

Illi l-Qorti qiegħda a tenur tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati jħallas lil Pavi Supermarket l-ammont ta' erbgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€74.97ċ), iżda m'hijiex qiegħda tagħmel l-istess ordni fil-konfront ta' BKM Ltd[7].

Illi l-Qorti qiegħda tastjeni milli tqis it-talba a tenur tal-artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma ngħataliex għarfien dwar l-istess.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[7] Dan għaliex il-Qorti m'hijiex komda tistrieħ fuq sempliċi dikjarazzjoni t'ammont ġenerali (ara JM12 a fol 28 tal-proċess, anke fid-dawl ta' dak li qal il-ħati waqt l-interrogazzjoni tiegħu.